MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 346/2009

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar il-25 ta' Lulju 2003 u kien hemm tifel li twieled qabel iz-zwieg bl-isem D li illum ghandu seba' (7) snin;

Ili l-partijet sseparaw minn xulxin legalment fis-sena 2009 u dan wara li kienu isseparati de facto minn xulxin mis-sena 2004;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null bejn il-partijiet billi l-kunsens kien ivvizjat b'difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha b'simulazzjoni u anke minhabba biza reverenzjali kif ukoll il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga u jew jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma kundizzjoni li tirriferi ghall-futur;

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tiddikjara illi z-zwieg celebrat fil-25 ta' Lulju 2003 bejn il-partijiet huwa null u bla effett skond il-Ligi u dan skond wiehed u s-sub artikli indikati tal-Artiklu 19 (1) (a), (c) (d) (f) u (g) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255) tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjes kontra l-intimata;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg celebrat fil-25 ta' Lulju 2003 huwa null u bla effett fil-ligi;
2. Illi l-esponenti tirrileva illi hija ta' nazzjonalita' Russa u ltaqghet mar-rikorrent meta hija kienet qeghda tistudja fl-Universita' ta' Malta f'Gunju tas-sena 2000 meta hija kellha ghoxrin sena filwaqt illi huwa kellu tnejn u ghoxrin sena;
3. Illi wara hames xhur li kienu ilhom johorgu flimkien ir-rikorrenti waqqaf ir-relazzjoni ghaliex qal illi xtaq 'break' sabiex jahseb dwar ir-relazzjoni taghhom pero' f'dan il-perijodu li l-partijet kienu waqqfu ir-relazzjoni taghhom l-esponenti skopriet illi hija kienet tqila u meta l-esponenti informat b'dan lir-rikorrent il-partijiet regghu bdew johorgu flimkien ghaliex kien hemm tarbija li kienet gejja fid-dinja u r-rikorrent ried illi jaghti l-appogg shih lill-esponenti tant hu hekk illi offra lill-esponenti sabiex tmur

tabita flimkien mieghu fid-dar tal-genituri tieghu stante illi ma kellha l-ebda qraba jghixu hawn Malta;

4. Illi l-esponenti dak iz-zmien kienet taht l-impressjoni illi r-rikorrent kien jhobbha u kellu l-intenzjoni li jerfa’ r-responsabilita’ tat-tarbija u taghha u flimkien il-partijiet iddecidew li jizzewgu bir-rit civili meta t-tarbija kellha sena u xahrejn;

5. Illi l-preparamenti tat-tieg saru mill-partijiet flimkien pero’ kienu l-genituri tal-esponenti li hallsu ghall-ispejjez kollha konnessi mat-tieg u anke gew hawn Malta ghat-tieg;

6. Illi l-partijiet marru honeymoon fl-Egittu ghal gimgha u meta rritornaw lura Malta bdew jghixu f’appartament li kien proprjeta’ ta’ missier ir-rikorrent gewwa l-Hamrun;

7. Illi meta l-partijiet irritornaw lura mill-honeymoon, ir-rikorrent kien johrog mal-hbieb tieghu filghaxijiet u jhalli lill-esponenti wehedha bit-tarbija;

8. Illi l-esponenti tirrileva illi tlett xhur biss wara li zzewwgu b’sorpriza u b’xokk kbira ghaliha, ir-rikorrent informaha illi huwa ma kienx baqa’ jhobbha. Ir-rikorrent beda johrog aktar ta’ spiss mal-hbieb tieghu u jdum sa kmieni filghodu u beda anke relazzjoni extra konjugali, liema relazzjoni kompliet sa madwar sena ilu. Peress illi r-rikorrent kien jghid illi jhoss ruhu konfuz x’jrid f’hajtu, l-esponenti baqghet tittama illi z-zwieg taghhom kien ser jigi b’xi mod salvat pero’ huma bdew jghixu hajja separata taht l-istess saqaf sakemm ir-rikorrenti talab lill-esponenti sabiex johorgu mid-dar matrimonjali u jibdew jghixu separatament f’residenzi separati peress illi din il-proprjeta’ kienet tappartjeni lill-genituri tieghu. Ghalhekk disa’ xhur wara z-zwieg, ir-rikorrenti mar jghix fil-villa residenzjali tal-genituri tieghu filwaqt illi l-esponenti marret tghix f’appartament illi huwa stess krielha ghas-spejjez tieghu peress illi dak iz-zmien l-esponenti lanqas kellha impjieg. Appena l-esponenti bdiet tahdem sabiex thallas ghall-bzonnijiet taghha, ir-rikorrenti waqaf immedjatament jhallsilha l-ispejjez tal-kera tal-appartament izda kompla jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tat-tifel taghhom;

9. Illi meta l-esponenti thares lura hija tal-umli fehma illi ir-rikorrent izzewwigha sabiex huwa jkollu mohhu mistrieh illi t-tifel kien ser jghix f’Malta u li hija ma

kienetx ser titlaq lejn ir-Russja bit-tifel taghhom ghaliex ghar-rikorrent it-tifel kien dejjem importanti hafna ghalih. Kif graw ic-cirkostanzi l-esponenti thoss illi r-rikorrenti ma kienx jhobbha;
10. In vista tac-cirkostanzi l-esponenti ma thossx illi ghandha tbati l-ispejjez tal-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda li tressqu, inkluz il-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex zwieg jigi dikjarat null peress illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat b'difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha b'simulazzjoni u anke minhabba biza reverenzjali kif ukoll peress illi il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u / jew jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma kundizzjoni li tirriferi ghall-futur.

Illi irrizulta mill-affidavit tal-attur illi meta iltaqa mal-konvenuta kellu tlieta u ghoxrin (23) sena, kien ghadu mohhu biex igawdi u johrog u ma baqax johrog aktar mal-konvenuta, izda il-konvenuta wara ftit zmien kienet cemplitlu tibki u qaltlu li kienet tqila minn tieghu. L-attur xehed illi hasditu, izda ma riedx illi l-konvenuta taghmel abort u peress illi l-konvenuta ma kellha lil hadd Malta ried ikun responsabbli ghall-wild tieghu u kien ghalhekk illi ipprova jibni relazzjoni mal-konvenuta. L-attur xehed illi fl-2002 twieled ibnu D u huwa beda jghix mal-konvenuta. Huwa xehed illi ma kienx kuntent u dejjem kien ikollu il-

problemi mal-konvenuta peress li ma kienux jaqblu. Huwa kellu pressjoni minn naha tal-familja tieghu biex jizzewweg lill-konvenuta u il-konvenuta bdiet ukoll taghmillu hafna pressjoni biex jizzewgu u kien ghalhekk illi, kontra x-xewqa tieghu, kellu jizzewweg lill-konvenuta, peress illi kellha l-problemi biex tibqa Malta minhabba il-visa u ghalhekk fl-ahhar accetta li jizzewweg kontra qalbu. L-attur kompla jghid illi z-zwieg tieghu ma hadimx, mill-ewwel bdew bil-problemi, ma kienu jaqblu xejn. Il-konvenuta kien mohhha biex toqghod fuq is-sufan u ma taghmel xejn u hu ried johrog u igawdi u ghalhekk wara ftit xhur isseparaw. L-attur xehed illi madwar sitt xhur wara li izzewgu, huma kienu isseparaw de facto u lit-tifel l-iktar li jkun mieghu u irrabbuh ommu u missieru, minkejja illi l-konvenuta tigi tarah regolarment. L-attur xehed illi huwa izzewweg lill-konvenuta meta it-tarbija kellha sena u tlett xhur u mhux qabel ghaliex huwa qatt ma ried jizzewweg u effettivament lanqas ried jizzewweg bil-knisja. L-attur xehed illi wara li kienu gew mill-honeymoon, huwa kien qal lill-konvenuta li ma kienx ihobbha u beda johrog mal-hbieb u lilha ihalliha wahedha id-dar bit-tifel. Sussegwentement peress li missieru ried il-flat fejn kienu qeghdin jghixu il-partijiet, l-attur kien qal lill-konvenuta biex tohrog ‘il barra mill-flat u issib flat iehor, kif fil-fatt ghamlet. L-attur xehed illi sa kemm harget tahdem, kien ihallsilha il-kera tal-flat hu, izda umbaghad bdiet tahdem u kellha thallas il-kera hi u meta harget tahdem beda jiehu hsieb lit-tifel hu. Baghtuh l-iskola u wara l-iskola kien imur ghand omm u missier l-attur.

Illi l-konvenuta xehdet u ikkonfermat illi ftit wara li kienu qeghdin johrogu flimkien l-attur kien telaqha, izda hi kienet cemplitlu u qaltlu li kienet harget tqila minn tieghu u l-attur rega’ beda johrog maghha u hadha tghix mieghu fid-dar tal-genituri tieghu. Il-konvenuta xehdet illi hi u l-attur kienu izzewgu minhabba it-tifel u iz-zwieg sfaxxa fix-xejn fil-bidu nett. Il-konvenuta xehdet illi waqt il-honeymoon indunat illi zewgha kien qieghed juriha car illi ma ihobbhiex, hassitha offiza u wara il-honeymoon marru il-flat fejn kienu qeghdin joqghodu, hi kienet torqod fuq is-sodda mat-tifel u l-attur kien jorqod wahdu fuq is-sufan, u dan gara xi gimgha wara li kienu irritornaw mill-honeymoon. Hija xehdet illi

wara il-honeymoon ma kienx hemm aktar rapporti sesswali bejnha u bejn l-attur. Il-konvenuta xehdet ukoll illi kellhom jizzewgu peress illi hija ma kienitx Maltija u ghalhekk it-tifel kien registrat f'isimha biss u allura setghet tiehu lit-tifel fejn riedet minghajr il-permess tal-attur u kien ghalhekk illi l-attur hass il-htiega li jizzewwigha, sabiex it-tifel ikun fuq ismu. Il-konvenuta xehdet illi hija meta izzewget ma kienitx tikkomporti ruhha bhala mara tad-dar u lanqas l-attur ma kien jippartecipa fil-hajja tal-familja, kulhadd kien jghix hajja separata, lanqas biss kienu jieklu flimkien. L-attur kien imur ix-xoghol, wara jibqa sejjer it-training umbaghad johrog mal-hbieb. Fil-weekend minflok johorgu flimkien, kienu imorru ghand omm u missier l-attur u kienu jieklu hemm hekk u ma tantx kienu iqattghu hin flimkien bhala familja. L-attur kien jippreferi jaqbad lit-tifel u johorgu minghajrha u ma tiftakarx f'okkazzjonijiet illi hi u l-attur hargu lit-tifel flimkien peress illi, skond hi, l-attur ma kienx ikun iridha. Hija xehdet illi l-hajja tal-familja qatt ma bdiet.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur, bhala ragunijiet ghalfejn dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, ta bhala kawzali illi l-kunsens kien ivvizzjat b'difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, peress illi l-kunsens kien ivvizzjat b'simulazzjoni kif ukoll minhabba biza reverenzjali u kif ukoll peress illi il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga, u peress ukoll li xi hadd mill-partijiet rabat il-kunsens tieghu, jew taghha ma kundizzjoni li tirriferi ghall-futur.

Illi ghal dak illi jirrigwarda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, il-Qorti rat illi din il-kawzali hija kontemplata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi biex ikun hemm ikun hemm nuqqas serju ta' diskrzzzjoni ta' gudizzju jrid ikun

hemm inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Vide sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs Stephen Attard deciza fil-21 ta' Novembru, 1995.
Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi att ta' immaturita, izda in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu kuncett guridiku intinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens taghha liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg.
Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti inkluz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo deciza fis-26 ta' Ottubru 2000 ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1) kemm il-darba jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas, jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi appezzat mhux biss fl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, ghalhekk jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi in oltre il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih tkun konxja tal-obbligi, id-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni taghhom fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

*1.* L-obbligazzjoni ghall-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni tqa' l-ulied.
*2.* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel fiz-zwieg.
*3.* Il-mutual well-being, illi huwa maghqud ma ambjent li iwassal ghat-tnissil u edukazzjoni ta' l-ulied.
4. L-obbligazzjoni li jircievu u irabbu l-ulied fil-kuntest tal- komunita konjugali.

Illi mix-xhieda li gew prodotti u mill-provi li tressqu jirrizulta car illi kemm il-konvenuta, kif ukoll l-attur izzewgu biss minhabba illi kellhom it-tifel. Huma sahansitra kienu temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom u regghu bdew johorgu flimkien biss wara li l-konvenuta qalet lill-attur illi kienet harget tqila minnu.

Illi l-attur u il-konvenuta jaqblu fuq il-fatt illi huma izzewgu peress illi il-konvenuta ma kienitx Maltija u setghet titkecca minn Malta u l-attur ammetta illi peress illi l-konvenuta ma kienitx Maltija u lanqas ma kienet membru ta' stat illi huwa membru fl-Unjoni Ewropeja, it-tifel ma setghax jitnizzel f'ismu u ghalhekk il-konvenuta setghet harget minn Malta u hadet lit-tifel maghha. Illi kien ghalhekk biss illi l-partijiet izzewgu u ghalhekk il-Qorti tara illi l-kunsens taghhom it-tnejn kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq iz-zwieg, kif ukoll fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi effettivament iz-zwieg sfaxxa appena il-koppja irritornaw mill-honeymoon, u anke waqt il-honeymoon il-konvenuta indunat illi l-attur ma kienx ihobbha. Wara il-honeymoon l-attur qal lill-konvenuta li ma kienx ihobbha u beda imur ix-xoghol, imur it-training u johrog mal-hbieb. Il-konvenuta baqghet ukoll tghix daqs li kieku qatt ma

izzewget. Fil-weekend lanqas kienu johorgu flimkien, ma kien hemm l-ebda komunjoni bejniethom bhala koppja, ir-relazzjonijiet sesswali waqfu u kullhadd kien jghix il-hajja tieghu separata. Fil-weekend kienu imorru ghand il-genituri tal-attur u qatt ma hargu flimkien bhala koppja bit-tifel. Effettivament l-attur hin minnhom kien qal lill-konvenuta biex tohrog hi wkoll mill-flat illi kien ta' missieru, krilha flat izda ghamilhielha cara li riedet tibda tahdem u meta sabet impjieg kellha thallas il-kera tal-flat hi u iben il-koppja beda u ghadu jittrabba mill-genituri tal-attur.

Illi l-Qorti rat illi mill-provi prodotti ma gie bl-ebda mod ippruvat mill-attur illi z-zwieg huwa null peress illi xi hadd mill-partijiet rabat il-kunsens tieghu ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur u ghaldaqstant il-Qorti mhijiex ser tiddikjara iz-zwieg null fuq din il-kawzali.

Illi l-attur lanqas ma ipprova illi huwa izzewweg minhabba biza riverenzjali.

Illi huwa minnu illi kien hemm pressjoni fuq l-attur sabiex jizzewweg, izda finalment l-attur izzewweg mhux ghaliex kien qieghed jibza mill-genituri tieghu, jew mill-genituri tal-konvenuta, izda biss sabiex ikun jista jirregistra lill-ibnu fuq ismu u ghalhekk il-Qorti mhijiex ser tiddikjara zwieg null minhabba biza reverenzjali.

Illi l-attur ikkontenda wkoll illi l-kunsens tieghu, jew tal-konvenuta, jew tat-tnejn inkisseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga, izda il-Qorti rat li din il-kawzali wkoll ma gietx ippruvata. Il-partijiet kienu jafu sew lil xulxin u kienu jafu id-difetti ta' xulxin, izda ma dana kollu iddecidew li jizzewgu, fuq ammissjoni taghhom stess, minhabba binhom u ghalhekk il-Qorti mhijiex ser tiddikjara iz-zwieg null fuq din il-kawzali.

Illi l-attur ikkontenda illi l-kunsens kien vizzjat b'simulazzjoni u il-Qorti f'dan ir-rigward rat l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subartikolu il-Qrati taghna dejjem ikkontendew illi l-esklussjoni posittiva ghaz-zwieg ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens, u f’dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona deciza fid-9 ta Marzu 2000.

Illi l-Qorti rat mill-provi prodotti illi gie ippruvat illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat peress illi kien hemm simulazzjoni totali miz-zewg partijiet u cioe’ eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Bonnici vs Bonnici deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Lulju 1982, il-Qorti kienet qalet li biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi oppruvat il-‘finis operis’ taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta’ simulazzjoni parzjali u cioe’ l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-element essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied fost ohrajn. (Vide sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Grech deciza fid- 9 ta’ Ottubru, 1990.)

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-‘consortium vitae’ tikkomprendi zewg elementi u cioe’ l-imhabba konjugali u r-responsabilita’ tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet Magri vs Magri deciza fl-14 ta’ Lulju 1994 “jekk din il-consortium vitae hija nieqsa l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-consortium vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta tal-familja”.

Illi fil-fatt l-element tal-indissolubbilta’ taz-zwieg jehtieq li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara

wahda, mibnija fuq il-fedelta u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi ‘iuris tantum’ dan l-element ta’ indissolubbilta fiz-zwieg.
Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Galea vs Walshi moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Marzu 1995, il-Qorti spjegat xi tfisser li jkun hemm eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu bhala meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern illi jkun inghata.
Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Muscat vs Borg Grech moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta’ Awissu, 1995, il-Qorti spjegat il-kuncett ta’ simulazzjoni b’dawn il-kliem :
“Ghal min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg, ikun qed jissimula il-kunsens tieghu.”

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-attur ma kienx ihobb lill-konvenuta u izzewigha biss sabiex ikun jista jaghti ismu lil ibnu u b’hekk il-konvenuta ma tkunx tista titkecca minn Malta bit-tifel b’kollox, jew inkella tahrab minn Malta u tiehu lit-tifel maghha.

Illi irrizulta illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni illi jghix mal-konvenuta ghal dejjem, bl-eskluzzjoni ta’ terzi, ghaliex irrizulta illi huwa mill-ewwel beda johrog mal-hbieb tieghu, ma kienx jersaq lejn id-dar, lanqas biss ma kien johrog mal-konvenuta u ibnu bhala familja, ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni, ir-relazzjonijiet sesswali waqfu hesrem u qal lill-konvenuta car u tond li ma kienx ihobbha.

Illi il-konvenuta wkoll tammetti illi hija ma kienitx mara tad-dar u li izzewget lill-attur biss minhabba binha. Hija wkoll tammetti illi relazzjonijiet sesswali bejnha u bejn l-attur waqfu hesrem.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null peress illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq iz-zwieg u fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll peress illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b’simulazzjoni totali.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tiddikjara illi z-zwieg iccelebrat fil-25 ta' Lulju 2003 bejn il-partijiet huwa null u bla effett skond il-Ligi; bl-ispejjez jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------